**26 ta' April, 1993**

**Imħallef: –**

**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R. Hist. S.**

Avukat Dottor Henry *sive* Eric Mamo *noe*

*versus*

*Count* Consiglio D'Amato

**Danni – Komputazzjoni ta' Korriment – Inċident Industrijali – Disabilità**

*L-attur fittex għal u rebaħ danni konsegwenti għal inċident industrijali fejn sofra disabilità. Studju utili u rassenja tal-prinċipji in materja u dwar il-metodu ta' komputazzjoni ta' danni.*

Il-Qorti: –

Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur *nomine* li biha hemm premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi b'erba' kuntratti ddatati rispettivament 29 ta' Awissu, 1966 (Dok. A), 27 ta' Novembru , 1969 (Dok. B), 28 ta' Diċembru, 1970 (Dok. Ċ) u 14 ta' Mejju, 1973 (Dok. D) kollha in atti Nutar Dottor Joseph Agius l-attur *nomine* (dak iż-żmien is-soċjetà odjerna kien jisimha *Barclays Bank DCO)* silef lill-konvenut somma ta' flus bl-imgħax bit-tmienja fil-mija (Dok. E u F) fuq *l-overdraft account;*

U premess illi l-attur *nomine* bi skrittura tal-11 ta' Frar, 1981 silef lill-konvenut somma ta' flus bl-imgħax bit-tmienja fil-mija fuq *'loan account'* (Dok. G);

U premess illi l-attur *nomine* hu kreditur tal-konvenut fis-somma ta' ħamest elef, mitejn u sittin lira maltija u ħames ċenteżmi u erba' milleżmi (Lm5,260.05,4) fuq *'loan account'* (Dok I), fis-somma ta' erbgħa u sittin elf, ħames mija u għaxar liri maltin, tlieta u għoxrin ċenteżmu u tliet milleżmi

(Lm64,510.23,3) *'overdraft account'* numru 2 (Dok. J) fis-somma ta' erbat elef, disa' mija u dsatax-il lira maltija, tletin ċenteżmu u milleżmu (Lm4,919.30,1) fuq *'overdraft account'* nurmu 3 (Dok. K) b'kollox erbgħa u sebgħin elf, sitt mija u disgħa u tmenin lira maltija, tmienja u ħamsin ċenteżmu u tmien milleżmi (Lm74,689.58,8) oltre l-imgħax bit-tmienja fil-mija fuq dawn it-tliet kontijiet mit-22 ta' Marzu, 1985 sad-data tal-pagament effettiv;

Premess illi l-konvenut interpellat biex iħallas dawn l-ammonti baqa' inadempjenti (Dok. L);

Talab li lill-konvenut dina l-Qorti tikkundannah:

1. Li jħallas lill-attur *nomine* s-somma ta' Lm5260,05,4 flus lilu mislufa fuq *'loan account'*, is-somma ta' Lm64,610.23,8 flus lilu mislufa fuq *'overdraft account'* numru 3, is-somma ta' Lm4,919.30,1 flus mislufa fuq *'overdraft account'* numru 3 b'kollox Lm74,689.58,8 oltre l-imgħax bit-tmienja fil-mija fuq dawn it-tliet kontijiet mit-22 ta' Marzu, 1985 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Bl-ispejjeż kollha inklużi dawk ta' l-ittra interpellatorja ta' l-14 ta' Frar, 1985;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha jeċċepixxi:

Illi għalkemm huwa jammetti li għandu debitu lejn l-attur, is-somma mitluba mill-atturi għandha tiġi verifikata billi din tinkludi diversi imgħaxijiet u għalhekk ikun utili li jiġu esebiti l-*'istatements'* relattivi għall-*'accounts'* in kwisjtoni mill-bidunett

sal-lum;

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti, il-listi tax-xhieda tagħhom flimkien mad-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawża u senjatament ir-relazzjoni peritali ppreżentata mill-perit ġudizzjarju, maħtur minnha kif ukoll in-nota ta' osservazzjonijiet tad-difensuri rispettivi tal-partijiet;

Ittratata l-kawża;

Ikkunsidrat illi l-kawża hija bbażata fuq diversi ammonti ta' flus ivversati b'self lill-konvenut mill-bank attur għall-ewwel taħt forma ta' *'overdraft account'* – b'riżultat ta' erba' (4) kuntratti ddatati rispettivament id-29 ta' Novembru, 1966, 27 ta' Novembru, 1969, 28 ta' Diċembru, 1970 u 14 ta' Mejju, 1973 kollha in atti tan-nutar Joseph Agius, u in segwitu taħt forma ta' *'loan account'*, milħuq u redatt fi ftehim iddatat il-11 ta' Frar, 1981 – dejjem versu rata ta' interessi ta' tmienja fil-mija (8%);

L-attur *nomine* ssottometta li l-konvenut huwa debitur tagħhom għall-ammonti segwenti:

| | |
|---|---|
| *'loan account'* | Lm 5,260.05,4 |
| *'overdraft account'* numru 2 | Lm64,510.23,3 |
| *'overdraft account'* numru 3 | Lm 4,919.30,1 |

għal total komplessiv ta' Lm74,689.58,8, oltre interessi mid-data tat-22 ta' Marzu, 1985 sal-pagament effettiv;

Illi b'nota ta' l-24 ta' Novembru, 1992, l-attur *nomine*

rriduċa s-sorte bl-ammont ta' Lm397.54,7 u għalhekk is-somma pretiża mill-attur *nomine* llum hija ta' Lm74,292.04,1;

Il-konvenut filwaqt li jammetti li tassew għamel self mill-bank, ma jaqbilx mal-mod kif dawn l-*'accounts'* ġew agglomerati u wisq anqas mal-mod kif ġew allura komputati l-interessi partikolarment wara li kien hemm bdil fil-komunjoni ta' l-akkwisti wara li l-konvenut romol, u dana f'Lulju, 1978. Skond l-istess konvenut, kien hemm erronjament komputati interessi kemm fuq il-kapital misluf kif ukoll l-interessi akkumulati. Huwa jgħid li wara l-mewt ta' martu l-*'istanding order'* miftiehem mal-bank attur ma ġiex rikonfermat u mġedded u allura kollox beda jinħadem ħażin;

Il-Qorti tibda biex tosserva li wara li l-perit komputista ppreżenta r-relazzjoni studjata u elaborata tiegħu, la saret talba biex dan jiġi eskuss u wisq anqas ma kien hemm talba għan-nomina ta' periti perizjuri. Dan qed jiġi rrilevat mhux għax b'daqshekk għandu bilfors ifisser li l-konvenut ma jistax xorta waħda jagħmel kull sottomissjoni tiegħu dwar ir-rapport, imma l-għaliex meta *si tratta* ta' relazzjonijiet tekniċi, f'dan il-każ ta' komputisterija u żamma ta' *'accounts'*, il-Qorti normalment tistrieħ aktar fuq ir-rapport minn każijiet impernjati l-aktar fuq konsiderazzjonijiet ta' natura legalistika. Minbarra dan, il-Qorti nnutat ukoll li l-biċċa l-kbira tal-punti li ġew ikkontestati mill-konvenut, fil-fatt ġew mistħarrġa u mittieħda in konsiderazzjoni, mill-att ġudizzjarju, ad eċċezzjoni ta' punt merament legali. Tirrileva wkoll il-Qorti li l-konvenut qatt ma ġab prova li huwa kkontesta l-mod kif baqgħu jinħadmu l-kontijiet wara li mietet l-ewwel mara tiegħu; ma jirriżultax li ta xi kontra-ordni dwar l-*'istanding orders'* viġenti, u ma kkontestax l-*'istatements'* qabel ma safa mħarrek, u minkejja li jammetti li ssellef somom

konsiderevoli u ssottometta li għandu biex jagħmel tajjeb, .na ħallas xejn biex inaqqas il-vertenza;

Wara li l-Qorti għarblet ix-xhieda u eżaminat ir-relazzjoni, *waslet għall-konklużjoni li għandha taddottaha in toto għaliex* taqbel kemm ma' dak li ġie kkostatat fiha u ma' dak li ġie konkluż. Illi kull ma kellu xi jgħid il-konvenut dwar l-*'istanding orders'* kien li l-bank ma kellux awtorità li juża l-istess proċedura dwar dawk il-kontijiet li saru wara li romol għaliex l-akkonti ta' qabel kienu ġew *'frozen'* u għalhekk huwa ma tax awtorità għal aktar ordnijiet bħal dawn lill-bank. Kif però rrelata l-perit ġudizzjarju (ara para. 10.5 tar-rapport – a fol. 444 tal-proċess), fuq dawn it-trasferimenti partikolari ta' l-akkonti bankarji, ma jirriżultax li l-konvenut weħel imgħax fuq imgħax. Huwa minnu li parti mid-dokumenti esebiti kienu fotokopji ta' l-oriġinal miżmuma mill-bank attur però ma jidhirx li kien hemm xi dubji dwarhom. Oltre dan, fl-erba' kuntratti ta' *'overdraft'* (ara Dok. A sa D) bejn il-kontendenti l-bank żamm id-dritt li l-komputazzjoni ta' l-interessi tinħadem *'on daily balances in accordance with recognised banking practice'*, jiġifieri li normalment matul l-ewwel sitt (6) xhur l-interessi jinħadmu b'mod sempliċi, u wara dan il-perijodu b'mod kompost – ara wkoll dak li ġie ritenut f'materja simili *in re:* **Farrugia *noe* vs Borg *noe*** fit-12 ta' Frar, 1988 f'deċiżjoni mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell. A skans ta' ripetizzjoni għalhekk, il-Qorti qiegħda tagħmel riferenza għal dika l-parti tar-relazzjoni peritali li tibda taħt l-intestatura 'Fatti u Konsiderazzjonijiet' a fol. 440 tal-proċess *(para. 6) u tibqa' sejra, xejn esklużsa para. 12.8 a fol.* 451, li tagħmilhom tagħha u għandhom jittieħdu bħala formanti parti integrali mill-korp ta' din id-deċiżjoni;

Għal dawn ir-raġunijiet:

Il-Qorti tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt li tirrespinġi l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talba attriċi **limitatament** però għall-ammonti ta' Lm64,234.06,6 fuq kont numru 23 – 156 – 7860; l-ammont ta' Lm4,879.08,3 fuq kont numru 23 – 156 – 7879; u Lm5,178.89,2 fuq kont numru 23 – 156 – 7852; u b'kollox għal total ta' erbgħa u sebgħin elf, mitejn u tnejn u disgħin lira maltija, erba' ċenteżmi u milleżmu (Lm74,292.04,1) oltre interessi tat-tmienja fil-mija (8%) fuq dana l-ammont ikkalkolati bis-sistema ta' interessi sempliċi mid-data tat-22 ta' Marzu, 1985 sad-data tal-ħlas effettiv u tikkundanna għalhekk lill-istess konvenut li jħallas dana l-ammont u interessi flimkien mal-kap ta' l-ispejjeż inkluż dawk peritali.